MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 1353/2010

**N. Calleja Trading Enterprises Limited [C-16998]**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited [C-20340] f'isimhom proprju u bhala agenti f'Malta tal-kumpanija Taljana 'Atlantica di Navigazione S.p.A'**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta attrici mressqa fil-5 ta' Awissu, 2010** u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' sitt mija u hmistax-il euro u tmienja u hamsin centezmu ta' euro [€615.58] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi s-socjeta intimata Sullivan Maritime Limited pro et nomine kienet giet inkarigata, mis-socjeta attrici, tittrasporta trakk minn Southampton, gewwa l-Ingilterra

ghal Malta, liema trakk wasal f'Malta fl-10 ta' Awissu, 2009 kif jixhdu l-Freight Invoice u l-Notice of Arrival (veri kopji taghhom hawn annessi u mmarkati Dok A u Dok B rispettivament).

Illi meta t-trakk wasal f'Malta fl-10 ta' Awissu, 2009 u gie rilaxxjat lis-socjeta attrici fit-terminal operat mill-kumpanija Valletta Gateway Terminals, irrizulta illi t-trakk kellu hsarat sostanzjali fil-bumper.

Illi konsegwentement saru xogholijiet ta' tiswija fuq it-trakk in kwistjoni, liema tiswijiet ammontaw ghas-somma ta' sitt mija u hmistax-il ewro u tmienja u hamsin centezmu (€615.58) kif jirrizulta minn fattura datata s-16 ta' Novembru, 2009 mahruga mis-socjeta United Equipment Co. Ltd (vera kopja taghha annessa u mmarkata Dok. C).

Illi l-kumpanija intimata giet interpellata diversi drabi biex tersaq ghal hlas tal-ispejjez imsemmija anke permezz ta' ittra uffcijali datata t-13 ta' Jannar 2010 (vera kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok D) izda baqghet inadempjenti u anzi qed tikkontesta t-talba (vera kopja ta' ittra annessa Dok E).

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta attrici titlob umilment dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna u jordna s-socjeta intimata thallas is-somma msemmija ta' sitt mija u hmistax-il euro u tmienja u hamsin centezmu (€615.58) bl-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali".

Ra **r-risposta tas-socjeta konvenuta proprio et nomnine** minnha mressqa fil-15 ta' Ottubru, 2010 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

"Illi preliminarjament, is-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Limited f'isimha proprju mhijiex il-legittimu kontradittur u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma ghandhiex relazzjoni guridika diretta mar-rikorrent;

Illi in kwant agent tal-kumpanija responsabbli ghall-garr l-kumpanija ntimata ma ghandhiex awtorita illi

tirrapprezenta lill-kumpannija estera in kwistjoni f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma hijiex legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jingiebu direttament kontra min kien responsabbli ghall-garr;

Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u l-kumpanija intimata kemm personalment u kemm bhala agent tal-kumpanija estera ma hijiex responsabbli ghall-allegati hsarat ukoll ghaliex ser jirrizulta illi t-trakk mertu ta' din il-kawza kien gja affett minn danni ezistenti kemm fil-bumper kif ukoll f'postijiet ohra qabel ma tela fuq il-vapur ghall-istess vjagg;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 21 ta' Ottubru, 2010, fejn il-kawza thalliet ghall-provi ghar-rigward ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet, u ghall-verbal tal-24 ta' mejju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **Nigel Calleja**, direttur fis-socjeta attrici xehed fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2011. Huwa beda biex qal li s-socjeta attrici hija importatur ta' l-ikel u ghal dan il-ghan, is-socjeta minnu rapprezentata xtrat u akkwistat trakk mill-Ingilterra "*in a very good condition*" (fol. 16). Is-socjeta minnu rapprezentata kienet ftehmet mas-socjeta attrici sabiex tiehu hsieb titrasporta dan it-trakk minn Southampton ghal Malta. Malli wasal dan it-trakk, kien ix-xhud stess li mar biex jigbruu hemm seta jinduna li kellu l-*bumper* tieghu mqaccat. Meta gie mistoqsi ma minn kien ftiehem ghar-rigward ta' dan it-trasport, ix-xhud jghid li huwa ftiehem mas-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Limited u li s-socjeta Grimaldi jew dik bl-isem Atlantica di

Navigazione huwa ma jafx minn huma u qatt ma kellem xi addetti minn taghhom.

Ghar-rigward tal-*quote* x-xhud ighid li kienet martu Christine li kkomunikat mas-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Ltd u li l-imsemmija *quote* kienet tinsab ghandu u kellu jesebiha f’seduta ohra.

Fil-fatt, il-*quote confirmation* giet esebita bhala dok. CC1 u tinsab a fol. 20 tal-process.

2. **Christine Calleja**, direttrici tas-socjeta attrici xehdet fis-seduta tat-28 ta’ April, 2011 u qalet li hi tiehu hsieb l-affarijiet tas-*shipping* u *office work* iehor. Ghar-rigward tal-kwistjoni odjerna, x-xhud qalet li hi kienet cemplet lis-socjeta konvenuta u talbitha *quotation* ghal trasport ta’ trakk minn Southampton ghall-Malta. Din il-*quote* (dok. CC1) kienet inghatat lilha minn Mark Brincat. Hi stqarret li kienet accettat din il-*quote* u imbaghad is-socjeta konvenuta kienet baghtitilha *invoice* li kienet thallset mis-socjeta attrici b’*cheque*.

In kontro-ezami, x-xhud tghid li “*minbarra l-quotation li nghata lili mis-socjeta attrici ahna ma ffirmijna l-ebda kuntratti ulterjuri ovvjament pero gew skambjati dokumenti bejnietna bhal freight invoice, notice of arrival u dokumenti ohra koncernati mall-vjagg in kwistjoni*” (fol. 23).

3. **Joseph Bugeja,** *General Manager* tas-socjeta konvenuta stqarr li s-socjeta konvenuta hija l-agent lokali tas-socjeta Grimaldi Group li hija l-operatrici tal-vapuri.

Ix-xhud qal li r-rwol tas-socjeta konvenuta huwa limitat ghal dik ta’ agent u m’ghandha l-ebda rapprezentanza guridika ta’ Grimaldi Group. Ghar-rigward tal-kaz in dizamina, huwa jghid li s-socjeta attrici xtaqet igorr xi merkanzija u ghalhekk ikkomunikat mas-socjeta minnu rapprezentata ghal dan il-ghan.

Wara li s-socjeta konvenuta kkwotat l-ispejjez involuti ghall-garr u n-noll fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni u dawn gew accettati mis-socjeta attrici, s-socjeta

konvenuta "*talbet lill-Grimaldi sabiex iggor il-merkanzija in kwistjoni*" (fol. 26). Fil-fatt ighid li l-"*merkanzija in kwistjoni ngarret taht il-bill of lading mahruga mill-Grimaldi Group*" (fol. 26). Kopja ta' din il-*bill of lading* giet esebita u mmarkata bhala dok. JB.

Ix-xhud esebixxa ukoll *freight invoice* (dok. JB 2) mahruga mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici "*fejn qed jigi ndikat car illi Sullivan Maritime Limited kienet qed tagixxi bhala agent ghall-Grimaldi Group gewwa Napli*" (fol. 26). Ix-xhud esebixxa ukoll dokument immarkat bhala dok. JB 3 u li permezz tieghu hemm indikat minn huma l-agenti awtorizzati tas-socjeta Grimaldi Group.

In kontro-ezami, dan ix-xhud ighid li t-tragitt in kwistjoni sar minn Southampton ghall-Malta permezz ta' zewg vapuri separati, t-tnejn li huma proprjeta tal-Grimaldi.

Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011, reggha xehed **Joseph Bugeja** u kkonferma li s-socjeta minnu rapprezentata ma kellhiex ir-rapprezentanza guridika ta' Grimaldi Group f'dan il-kaz. Ikkonferma ukoll li ma gie ffirmat l-ebda kuntratt bejn is-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Limited u s-socjeta attrici.

In kontro-ezami, x-xhud meta gie mistoqsi jekk is-socjeta minnu rapprezentata tavzax lill-klijenti taghha li hi ma ghandha l-ebda rapprezentanza gurdika tal-Grimaldi huwa wiegeb u qal li "*... fl-uzanza marittima ma tezistix procedura fejn il-klijenti jigu avzati bit-tip ta' relazzjoni bejn l-agent u l-principal*" u "*li nista nghid huwa illi l-contract of carriage huwa dokument mhux ta' Sullivan Maritime Limited izda tal-Grimaldi u meta jissarraf dan huwa specifikat illi Sullivan Maritime huwa biss agent tal-Grimaldi*" (fol. 34).

Ikkunsidra ulterjorment;

**4. Din hija sentenza preliminari fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta.**

5. Permezz ta’ din il-kawza, s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas ta’ danni fl-ammont ta’ €615.58 u dan bhala hlas ta’ spejjez li s-socjeta attrici nefqet sabiex issewwi hsarat fuq trakk li kien ingarr minn Southampton gewwa l-Ingilterra ghall-Malta. Is-socjeta attrici kienet inkarigat lis-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Limited sabiex igibilha dan it-trakk. Ghalhekk hija fittxet lill-imsemmija socjeta konvenuta kemm f’isimha personalment u kemm bhala agent tal-kumpanija taljana Atlantica di Navigazione S.p.A.

6. Is-socjeta konvenuta laqghet ghal din it-talba billi qalet illi hija (i) ma hijiex il-legittimu kontradittur f’dan il-kaz u (ii) in kwantu hi l-agent tal-kumpanija responsabbli ghall-garr, hi ma ghandhiex awtorita tirraprezenta lill-kumpanija estera. Ghaldaqstant talbet li hi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u qalet ukoll illi “*... t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jingiebu direttament kontra min kien responsabbli ghall-garr*”.

7. Iz-zewg punti ghalhekk li jrid jiddeciedi t-Tribunal f’dan l-istadju huma tnejn:

i. Jekk is-socjeta konvenuta hijiex il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri;

ii. Jekk is-socjeta konvenuta ghandhiex ir-rapprezentanza tas-socjeta estera Atlantica di Navigazione S.p.A.

Ovvjament, it-Tribunal mhu ser jiddeciedi xejn dwar il-kwistjoni tar-responsabbilita. Dan jithalla, jekk l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ma jkollhomx success, ghal stadju ulterjuri.

8. Fil-kawza fl-ismijiet: **Martin Gaffarena vs Sullivan Maritime Limited** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Novembru, 2008 inghad li:

"(1) In generali t-trasport ta' merkanzija bil-bahar minn punt ta' destinazzjoni ghall-iehor jikkoinvolgi l-partecipazzjoni ta' l-ispezzjonjier u tar-ricevitur, il-vettur u l-handlers fil-portijiet ta' karikazzjoni u ta' skarikazzjoni. Fundamentali ghad-determinazzjoni tar-responsabilita huma l-istadji fokali li fihom il-merce tkun in konsenja jew fil-kustodja ta' xi wiehed minn dawn;

(2) Generalment ukoll, it-trapass minn wiehed ghall-iehor fost il-kompartecipanti hu regolat minn dokumenti marittimi jew portwali in kwantu dawn ikoll jaghtu prova ta' l-istat u tal-kondizzjoni tal-merce fl-istadji varji tal-garr taghha;

(3) Abbinat ma' dawn l-osservazzjonijiet generali hemm il-presunzjoni generali tad-dritt li kulhadd hu responsabbli ghall-hsara li tigri b'xi att jew ommissjoni tieghu u l-korollarju ta' dak il-principju li hadd ma ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni li jigru mhux bi htija tieghu. "Naturalment, dan apparti l-oneru tal-prova u l-presunzjoni juris tantum ta' responsabilita li l-ligi tghabbi fuq certi persuni f'certi determinati cirkustanzi" (Ara **Avv. Dott. Giovanni Griscti noe vs Chev. Silvio Mifsud et noe**, Appell, 7 ta' Ottubru, 1997).

9. Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Calleja et noe vs Carmelo Ellul Sullivan noe et** deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru, 2004 illi:

"In linea ta' principju generali riferibilment ghar-regoli enuncjati fil-ligi dwar l-istitut tal-mandat, malli jinholoq kuntratt bhal dan jitwieled bejn il-mandant u l-mandatarju certi drittijiet u dmirijiettarju hu, skond l-artikolu 1873 tal-Kodici Civili, obbligat jesegwixxi l-mandat, u l-ligi, fl-istess dispost, tikkontempla l-konsegwenza jekk il-mandatarju jonqos minn dan l-obbligu tieghu bil-kliem 'fil-kaz ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwiegeb ghad-danni u mghaxijiet". Naturalment, skond ic-cirkostanzi, jitwieldu wkoll mill-istess kuntratt ta' mandat relazzjonijiet ma terzi".

10. Huwa maghruf ukoll li l-mandat ezegwit fil-limiti tieghu jikkreja rapport unikament bejn il-mandant u t-terzi. Insibu fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Coleiro vs John Ellis** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-4 ta’ Frar, 1914 illi “*La regola che il mandatario il quale nella contrattazione rispetta i confini del mandato obbliga il mandante e non s’impegna personalmente, ha luogo quando egli contrae l’obbligazione nella sua qualita di mandatario*”. Ir-raguni ghal dan hija pjuttost ovvja u dan l-ghaliex l-agent jippromwovi l-interessi tal-mandanti tieghu, interessi dawn li jgorru maghhom anke doveri.

11. Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar it-8 ta’ Mejju, 1979 fl-ismijiet **Vivian J. Bianchi noe vs Edward Sullivan et noe** inghad li “*hemm diversi kwalitajiet ta’ agenziji marittimi u n-natura guridika taghhom tvarja skond il-funzjonijiet li jizvolgu u tista wkoll tvarja minn kaz ghal kaz*”.

12. Imbaghad l-istess Qorti, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Emmanuele Cassar vs Silvio Mifsud noe** deciza fit-13 ta’ Jannar, 1955 qalet:

“Illi r-rapprezentanza tal-proprjetarji u armaturi ta’ bastiment hija fil-fatt diviza bejn il-kaptan u r-rakkomandatarju; l-ewwel wiehed jipprovdi ghall-funzjoni teknika, jigifieri ghall-govern tal-bastiment; l-iehor hu prepost ghall-funzjoni ekonomika, jigifieri ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt tat-trasport.

Ir-rakkomandatarji huma ta’ tliet specji:

i. Is-semplici konsenjatarji. Il-konsenjatarji jew agent ta’ bastiment huma dawk li jigu maghzulin kull darba li l-bastiment imur fil-post fejn joqghod il-konsenjatarju, fejn ma jkunx hemm rakkomandatarju stabili, u l-fakoltajiet taghhom huma limitati ghall-operazzjonijiet li jkollhom x’jaqsmu u li jkunu l-konsegwenza tal-fatt tal-karikament u ta’ l-iskarikament ta’ bastiment wiehed, determinat, f’port wiehed. Il-figura guridika taghhom hija kwindi dik ta’ mandatarju okkazjonali b’mandat specjali u limitat.

ii. ir-rakkomandatarji proprji. Dawn jirraprezentaw l-armatur b'mandat generali ghal dak li jirrigwarda l-ezekuzzjoni ekonomika u kummercjali tal-kuntratt ta' trasport, li jestendi ruhu ghall-operazzjonijiet, kollha kemm huma, ta' karikament u skarikament, provvisti, prattiki u xogholijiet ohra annessi u konnessi ma' l-operazzjonijiet relattivi ghall-bastimenti kollha ta' l-armatur li jkun innomina r-rakkomandatarju.

iii. ir-rapprezentanti jew agenti tas-socjetajiet ta' navigazzjoni. Dawn huma instituri veri u proprji, ghaliex jittrattaw u jikkonkludu abitwalment l-affarijiet kollha tas-socjeta li jirraprezentaw fil-post fejn joqghodu, u f'dak il-post huma preposti ghall-kummerc kollu li fl-istess post jigi ezercitat mis-socjeta mandanti;

Illi ma hemm l-ebda dubju li tant l-agent ta' socjeta ta' navigazzjoni kemm ir-rakkomandatarju jirraprezenta l-armatur, jew il-proprjetarju, anki f'gudizzju – 'tanto in activis quanto in passivis', kif ighid Pipia – ghal dak kollu li jidhol fl-isfera tal-fakoltajiet kummercjali taghhom; imma, in rigward ta' dan, id-dottrina mhix konkordi riferibbilment ghall-agent tal-vapur jew konsejatarju. U difatti, filwaqt per ezempju, illi l-imsemmi Pipia jirritjeni illi l-konsenjatarju ma ghandux ir-rapprezentanza guridika ta' l-armatur, u lanqas tal-kaptan 'nec in activis nec in passivis' (Vol. I pag, 428), Ascoli, invece, jopina illi anki l-konsenjatarju ghandu rapprezentanza fil-kawzi, attivi u passivi, naturalment ghal dawk l-operazzjonijiet specjali, fuq accennati".

13. Illi skond il-ligi taghna l-mandatarju, anki dak b'mandat specjali, ghandu r-rapprezentanza tal-mandant fil-kawzi, tant attivament kemm passivament, fl-ezekuzzjoni tal-mandat, meta l-mandat innifsu ikun niqes mill-Gzira.

14. L-insenjament fuq espost jwassal ghas-segwenti konkluzzjoni u cioe li r-rapprezentant lokali ta' l-armatur esteru, imbaghad avvolja kien semplici konsenjatarju tal-bastiment ghal dik id-darba biss li l-bastiment kien Malta, u hekk kien mandatarju okkazzjonali bil-fakoltajiet tieghu limitati ghall-operazzjonijiet attinenti u konsegwenti ghall-

fatt tal-karikazzjoni u ta' l-iskarikazzjoni ta' bastiment determinat, ghandu r-rapprezentanza attiva u passiva ta' l-armatur ghal dawk l-operazzjonijiet specifici, u kwindi hu persuna legittima biex jirraprezenta lill-armatur f'azzjoni ghad-danni pretizi minn ezekuzzjoni hazina ta' obbligazzjoni assunta ghat-trasport ta' merkanzija u ghad-danni konsegwenzjali[1].

15. Konsegwentement, ir-rakkomandatarju '*jista jigi citat ghan-nom ta' l-armaturi, basta jkunu attijiet li ma jeccedux il-generu ta' affari li r-rakkomandatarju hu nkarikat minnhom*'. Bhala persuni nkarikati bil-konsenja tal-merkanzija '*huma persuni legittimi biex jirrispondu ghal domanda dwar nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija*'[2].

16. Issa fil-kaz odjern, ma hemmx dubbju li l-kuntatti saru bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Limited. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tad-diretturi tas-socjeta attrici u kemm mix-xhieda tal-*General Manager* tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici talbet lis-socjeta konvenuta taghtiha stima ta' kemm kien ser jiswielha sabiex hija ggib trakk hawn Malta mill-Ingilterra. Is-socjeta konvenuta wegbitha billi baghtitilha stima (*quote confirmation* dok. CC1 a fol. 20) u wara li din l-istima giet accettata mis-socjeta attrici, l-affarijiet bdew mexjin sabiex dak mitlub isehh. Fil-fatt, is-socjeta attrici hallset lis-socjeta konvenuta l-ammont mitlub ghal dan is-servizz. Issa filwaqt li s-socjeta attrici tghid li hija taf biss lis-socjeta konvenuta ghall akkadut, is-socjeta konvenuta tghid li hija biss l-agent tas-socjeta Atlantica di Navigazione S.p.A. In sostenn ta' dan, esebiet *bill of lading* (dok. JB1 a fol. 28) u *freight invoice* (dok. JB 2 a fol. 29). It-Tribunal, anke in vista ta' l-insejament tal-Qrati Superjuri fuq dan, u a bazi tal-provi prodotti sa issa quddiemu f'dan il-kaz ma jistax jaqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Limited. Galadarba l-agent kien ikarikat mill-konsenja tal-merkanzija, u dan skond il-mandat

---

[1] Ara **George Parnis England vs Henry England noe** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Mejju, 1959 u **David Curmi noe vs Frederick Frendo noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerc) fil-31 ta' Ottubru, 1994;

[2] **Kollez joni Vol. XL parti III pagna 619;**

specjali moghti lilu mis-socjeta attrici, u kien tenut jaghti spjegazzjoni dwar merkanzija nieqsa u merkanzija difettuza li tasal f'dak il-vjagg partikolari. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Ronald M. Demajo noe vs Adrian Mifsud nomine** moghtija fl-24 ta' April, 1980 "*B'dan il-mod l-agent ghandu mplicitament ir-rapprezentanza gudizzjarja ta' l-armaturi tal-bastiment f'kawzi li jirrigwardaw nuqqas ta' konsenji ta' merkanzija jew hsarat fiha, peress li dawn il-materji jitwieldu mill-kuntratt tat-trasport tal-merkanzija nvoluta f'dak il-vjagg partikolari*".

17. Konsegwentement, it-Tribunal, in vista tar-ragunijiet kollha hawn fuq moghtija ma jistax jilqa z-zewg eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed:

i) Jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta;

ii) Jichad it-tieni eccezzjoni ta' l-istess socjeta konvenuta;

U konsegwentement jordna li jitkompla s-smiegh tal-kawza.

L-ispejjez ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet ghandhom jkunu a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------